31995D0566

30.12.1995 *IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ* L 322/18

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL
tat-18 ta' Diċembru 1995
dwar l-applikazzjoni provviżorja tal-Ftehim f'forma ta' Skambju ta' Ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar il-kummerċ tal-prodotti tessili u tal-ħwejjeġ

(95/566/KE)

IL-KUNSILL TA' L-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea u b'mod partikolari, l-Artikolu 113 flimkien ma' l-ewwel sentenza ta' l-Artikolu 228(2), tiegħu,

Wara li kkunsidra l-proposta tal-Kummissjoni,

Billi l-Kummissjoni nnegozjat f'isem il-Komunità Ftehim f'forma ta' Skambji ta' Ittri bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar il-kummerċ tal-prodotti tessili u tal-ħwejjeġ, li nbeda fil-15 ta' Diċembru 1992 kif modifikat mill-Ftehim f'forma ta' Skambji ta' Ittri li nbeda fl-20 ta' Diċembru 1994;

Billi dan il-Ftehim f'forma ta' Skambji ta' Ittri għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 1995, sakemm jitlestew il-proċeduri meħtieġa għall-konklużjoni tiegħu, bla ħsara għall-applikazzjoni provviżorja reċiproka mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

Il-Ftehim f'forma ta' Skambji ta' Ittri li jemenda l-Ftehim bejn il-Komunità Ekonomika Ewropea u r-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam dwar il-kummerċ tal-prodotti tessili u tal-ħwejjeġ għandu jkun applikat fuq bażi provviżorja mill-1 ta' Jannar 1995, sal-konklużjoni formali tiegħu, bla ħsara għall-applikazzjoni reċiproka mir-Repubblika Soċjalista tal-Vjetnam.

It-test ta' dan il-Ftehim huwa anness ma' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċizjoni għandha tkun ippubblikata fil-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmula fi Brussel, fit-18 ta' Diċembru 1995.1

F'isem il-Kunsill

Il-President

J. BORRELL FONTELLES